MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1217/1997/1

**Group 4 Securitas (Malta Limited) u**
**b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2011 l-isem tbiddel f'isem**
**"G4S Security Services (Malta Limited) u**
**l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi in rapprezentanza**
**tas-socjeta' estera "Douglas Jackson & Company**
**(Adjusters) Limited u din ghan-nom u in**
**rapprezentanza**
**tas-socjeta' assikuratrici estera "Royal International**
**Insurance Holidays Limited" u**
**l-istess Avukat Dottor Tonio Azzopardi in**
**rapprezentanza tas-socjeta' estera "Group 4 Securitas**
**(International) BV"**

**vs**

**Godfrey Lopez, Herman Zammit u George Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici tad-29 ta’ Mejju 1997 li tghid hekk:

Peress illi fis-6 ta’ Novembru 1996 ghall-habta tal-5:30a.m. numru ta’ persuni li kienu qeghdin jagixxu flimkien bhala grupp dahlu fl-ufficcju tas-socjeta attrici Group 4 Securitas (Malta) Limited fi Triq Danny Cremona, G’Mangia, u kkommettew serq aggravat ghad-dannu tas-socjeta attrici li giet fdata bil-‘cash in transit’.

Peress illi f’din is-serqa ntuzat uniformi ta’ Group 4 Securitas (Malta) Limited li permezz taghha gie ngannat l-impjegat li kien ‘on duty’ fuq gewwa u li minhabba f’hekk fetah il-bieb ta’ barra meta gie mitlub jaghmel dan.

Peress illi f’din is-serqa gew mehuda kemm flus kontanti kif ukoll ‘cheques’.

Peress illi l-konvenuti Godfrey Lopez u Herman Zammit ammettew l-involviment taghhom bhala komplici fis-serqa u rrilixxjaw dikjarazzjonijiet f’dan is-sens mal-Pulizija. Huma t-tnejn fil-fatt gew akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala kompartecipi f’din is-serqa.

Peress illi l-konvenut l-iehor ukoll kien komplici fl-imsemmija serqa u fil-konfront tieghu ukoll hemm provi cari ta’ komplicita.

Peress illi l-konvenuti, flimkien ma’ persuni ohra li ghadhom ma tressqux il-Qorti, huma responsabbli ‘in solidum’ ghas-serq tal-flus kontanti u ‘cheques’ u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici.

Peress illi sal-lum il-flus misruqa ghadhom ma nstabux.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti u, jekk ikun il-kaz, lill-komplici l-ohra li talvolta jigu kjamati fil-kawza, jew min minnhom, responsabbli ghas-serq tal-flus kontanti u ‘cheques’ mill-kustodja u ghad-dannu tal-Group 4 Securitas (Malta) Ltimited.

2. Tiddikjarahom responsabbli ‘in solidum’ bejniethom ghall-hlas tal-ammont minnhom misruq u d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici.

3. Tillikwida l-ammont misruq u d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici.

4. Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta attrici l-ammont minnhom kif likwidat, flimkien mad-danni kollha konsegwenzjali kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati mahrugin kontra l-konvenuti li ghandhom in-numri 6066/96, 1404/97, 1752/97, 3348/97, 3349/97, 3350/97, 3351/97, 3352/97, 3353/97.

Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax skond il-ligi mid-data tan-notifika tal-mandati 6066/96, 1404/97 u 1752/97 mahrugin kontra l-konvenuti rispettivament.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godfrey Lopez li tghid hekk:

1. Illi kif inhi mpostata c-citazzjoni, din il-Qorti hija inkompetenti peress li qed jintalab gudizzju li hu ta’ natura kriminali, u din il-Qorti mhix kompetenti biex taghmel tali gudizzju.

2. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li dak li qed jigi allegat kontra l-esponenti mhux minnu.

3. Illi t-talba li qed issir mill-atturi Group 4 Securitas (Malta) Limited ma tistax tigi akkolta kemm-il darba kellha tigi akkolta talba favor l-assikurazzjonijiet.

4. Illi qabel xejn, l-attur Dr. Tonio Azzopardi nomine ghandu jesebixxi l-kopji tal-prokuri allegati fic-citazzjoni, u in difett ghandu jinhareg mill-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' George Degiorgio li tghid hekk:

1. Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li c-citazzjoni kif intavolata mill-atturi, tmur kontra l-principji legali 'delegatus non potest delegare' in kwantu s-socjeta Group 4 Securitas (Malta) Limited ma tistax tagixxi ghan-nom tas-socjeta assiguratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited, jekk din appuntat bhala rapprezentant lis-socjeta estera 'Douglas Jackson & Company (Adjusters) Limited;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut George Degiorgio huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Herman Zammit li tghid hekk:

1. Illi qabel xejn l-atturi, jew min minnhom, iridu jiddikjaraw l-interess li ghandhom fil-kawza odjerna stante li mhuwiex car jekk is-socjeta assikuratrici gietx surrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata;

2. Illi jekk jirrizulta li s-socjeta assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata, allura t-talba tal-istess socjeta assikurata ma tistax tintlaqa';

3. Illi permezz tac-citazzjoni attrici din l-Onorabbli Qorti qed tigi effettivament mitluba ssib il-htija jew meno tal-esponenti u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li din l-Onorabbli Qorti mhijiex kompetenti biex tghaddi gudizzju ta' natura kriminali;

4. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-esponenti ma kienx involut fl-incident li allegatament sehh fl-ufficcju tas-socjeta attrici u allura m'ghandu ebda responsabbilta;

5. Illi qatt ma kien hemm xi ammissjoni da parti tal-esponenti;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijet tal-konvenuti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dina l-kawza tirrigwarda serqa li grat fis-6 ta’ Novembru 1996 ghall-habta tal-5.30 a.m., fl-ufficju tas-socjeta attrici Group 4 li tinsab fi Triq Danny Cremona, G’Mangia li fiha nsterqu flus kontanti u cheques ammontanti ghal circa Lm500,000 a dannu tal-istess socjeta. Is-serq kien aggravat u akkumpanjat b’sekwestru ta’ persuna.

**Eccezzjonijiet preliminari**

**L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Lopez u t-tielet eccezzjoni ta’ Zammit**

Illi l-konvenut Lopez eccepixxa li kif inhi mpostata c-citazzjoni, din il-Qorti hija inkompetenti peress li qed jintalab gudizzju li hu ta’ natura kriminali, u din il-Qorti mhix kompetenti biex taghmel tali gudizzju.

Illi dina l-eccezzjoni hija infondata billi l-artikolu 6 tal-Kap. 9 (Kodici Kriminali) jirrikonoxxi li att delittwuz jista’ jwassal ghal zewg azzjonijiet, wahda kriminali u l-ohra civili, li pero jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra. Illi f’dan il-kaz is-socjeta attrici mhux qed titlob gudizzju ta’ natura kriminali izda qed jitolbu risarciment ghad-danni civili li soffriet in segwitu ghas-serqa. Li qed jitalab mill-Qorti huwa li, civilment mhux kriminaliment, issib lill-konvenuti responsabbili ghad-danni kawzati.

dwar prova f'sede kriminali u sede civili, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Schembri vs Portelli** deciza fil-31 ta' Mejju 2013 qalet hekk:

"Ghalkemm il-proceduri kriminali huma distinti u separati minn dawk civili, Qorti ta' gurisdizzjoni civili tista' tirreferi ghal dak deciz f'kamp kriminali ghall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Civili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Briffa vs Abela**, deciza fit-28 ta' Marzu 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, izda l-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi "wahda mill-provi, ghalkemm hi prova importanti" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawza **Xuereb vs Micallef**, deciza fis-26 ta' Novembru 1923 kienet approvat dak li qal il-gurista **Laurent** fis-sens illi "si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale".

"Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Degabriele vs Montebello**, deciza fit-28 ta' Jannar 2010, b'adezjoni ta' gurisprudenza anterjuri, qalet li "ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi provediment kriminali", proprju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghal esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; dik il-Qorti enfasizzat, pero, li dik hi biss wahda mill-provi li l-Qorti civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara wkoll, fl-istess sens, **Pace vs Camilleri**, App 27/07/2007; **Caruana vs Ministeru tal-Ambjent et**, PA 07/07/2004; **Bugeja vs Coreschi**, App 30/04/2009).

Kwantu ghal grad tal-prova rikjesta fi proceduri civili u proceduri kriminali:

"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.

U dana ghad-differenza ta’ dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubbju ragjonevoli”. (**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, App 25/02/1952); **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, App 05/03/1986).

**It-tielet eccezzjoni Lopez u l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta’ Zammit**

Il-konvenuti qed jeccepixxu li qabel xejn l-atturi, jew min minnhom, iridu jiddikjaraw l-interess li ghandhom fil-kawza odjerna stante li mhuwiex car jekk is-socjeta assikuratrici gietx surrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata.

Illi jekk jirrizulta li s-socjeta assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata, allura t-talba tal-istess socjeta assikurata ma tistax tintlaqa’.

Illi f’dan il-kaz jekk wiehed jara l-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni jsib referenzi ghas-socjeta attrici u ghad-dannu li hija sofriet, imma ma hemm ebda referenza ghaz-zewg socjetajiet assikuratrici esteri li suppost gew surrogati fid-drittijiet tas-socjeta attrici u li Dr. Azzopardi qed jidher ghalihom, u lanqas hu rifless l-interess tas-socjeta Group 4 Securitas (International) BV.

Illi ghalhekk jekk jirrizulta li dawn is-socjetajiet assikuratrici gew surrogati fid-drittijiet tas-socjeta attrici G4S jew jirrizulta l-interess tas-socjeta Group 4 Securitas (International) BV allura d-danni jistghu jintalbu minn dawn jew min minnhom u mhux mis-socjeta assikurata li tkun diga thallset.

Is-surroga f’dan il-kaz topera permezz tal-ligi billi japplika l-artikolu 1166 tal-Kap. 16 (Ara **G. Bonnici et vs Phoenica Hotel Co.Ltd.**, App Inf 12/01/2005).

**Ir-raba eccezzjoni Lopez**

F’dina l-eccezzjoni l-konvenut Lopez qed jeccepixxi illi qabel xejn, l-attur Dr. Tonio Azzopardi nomine ghandu jesebixxi l-kopji tal-prokuri allegati fic-citazzjoni, u in difett

ghandu jinhareg mill-kawza. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut Lopez issottometta li ma ngabitx prova li Dr. Azzopardi ghandu l-mandat mis-socjetajiet assikuratrici esteri , mhux biex jiddefendihom f'dina l-kawza, imma biex jidher ghalihom.

Illi huwa minnu li f'dina l-kawza ma gewx ezibiti l-prokuri favur Dr. Azzopardi mis-socjetajiet esteri. Illi dina l-prova kienet mehtiega, anke kieku ma tressqitx l-eccezzjoni. Izda prova ta' hatra ta' prokuratur mhux ta' bilfors trid tinghata fil-forma ta' prova b'dokument. Dr. Azzopardi xehed bil-gurament li kien inghata dak il-mandat u x-xhieda tieghu ma gietx kontradetta. Skont il-ligi, mandat jista' jinghata b'kull mod, anke bil-fomm jew tacitament u mhux bil-fors bil-miktub sakemm mhux mitlub specifikatament bil-ligi (ara sentenza **Group 4 vs M. A. Pace**, PA 12/01/2012).

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li tul il-proceduri ma saret ebda insistenza fuq dina l-eccezzjoni mill-konvenut, tant li baqghu jsiru seduti u jinstemghu l-provi ghal diversi snin (il-kawza ilha 16-il sena ghaddejja u ghadha fil-Prim Istanza) minghajr ma saret oggezzjoni ghall-presenza tal-Avukat Azzopardi f'dawn il-proceduri.

**L-ewwel eccezzjoni Degiorgio**

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu Degiorgio jeccepixxi li n-nullita tac-citazzjoni stante li c-citazzjoni kif intavolata mill-atturi, tmur kontra l-principji legali 'delegatus non potest delegare' in kwantu s-socjeta Group 4 Securitas (Malta) Limited ma tistax tagixxi ghan-nom tas-socjeta assiguratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited, jekk din appuntat bhala rapprezentant lis-socjeta estera Douglas Jackson & Company (Adjusters) Limited.

Illi mill-okkju tal-kawza jidher li Dr. Azzopardi nghata delega mill-kumpannija barranija attrici Douglas Jackson & Co (Adjusters) Limited izda dik il-kumpannija fl-istess hin qieghda tidher f'isem u in rapprezentanza ta' kumpannija assikuratrici ohra barranija, jigifieri Royal

International Insurance Holdings Limited. Hawnhekk jidhol fis-sehh il-principju li delegatus non potest delegari. “Illi l-mandatarju ma jistghax, skond il-ligi Maltija, iqabbad lil haddiehor minfloku, jekk ma tkunx giet moghtija lilu s-setgha ghal daqshekk mill-mandant; pero, din is-setgha ta’ delegazzjoni m’ghandhiex bzonn tkun bilfors espressa, u tista’ tkun ukoll tacita, bhal ma jista’ jkun l-mandat. U jekk il-fakolta ta’ delegazzjoni tigi moghtija fil-mori tal-kawza maghmula minn mandatarju delegat minn mandatarju iehor li ma kellux is-setgha jaghmel dik id-delegazzjoni, l-eccezzjoni tal-illegittima tal-persuna ta’ dak il-mandatarju attur ma tibqghax fondata (ara **Edward Borg Olivier pro et noe vs Onor. Nutar Giorgio Borg Olivier, LL.D., M.LA. et**, PA 12/09/1957).

Ix-xhieda ta’ Dr. Azzopardi f’dan ir-rigward  ma ssemmi xejn dwar delega u ghalhekk m`hijiex bizzejjed biex tindika jekk kienx hemm din id-delega espressa jew tacita, u lanqas saret fil-mori tal-kawza. Ghalhekk fir-rigward ta’ dawn il-kumpaniji assikuratrici tonqos fl-attur nomine il-legittimazzjoni attiva li jidher ghal dawk il-kumpanniji. L-eccezzjoni ghalhekk ghandha tintlaqa safejn Dr. Azzopardi qed jidher ghall-kumpanniji assikuratrici barranin imma mhux fil-kaz tal-kumpannija barranija l-ohra (jigifieri, Group 4 Securitas (International) B.V.) billi l-attur nomine xehed li nghata s-setgha jirrapprezentha kif ukoll fir-rigward tal-kumpanija attrici G4S, li f’din il-kawza qed tidher f’isimha u mhux rapprezentata mill-imsemmi Avukat Azzopardi (ara sentenza **Group 4 vs M.A. Pace**, PA 12/01/2012).

**Talbiet attrici**

Fl-ewwel talba attrici qed jintalab li l-Qorti tiddikjara lill-konvenuti u, jekk ikun il-kaz, lill-komplici l-ohra li talvolta jigu kjamati fil-kawza, jew min minnhom, responsabbli ghas-serq tal-flus kontanti u ‘cheques’ mill-kustodja u ghad-dannu tal-Group 4 Securitas (Malta) Ltimited.

**Fir-rigward ta’ Godfrey Lopez**

Dr. Tonio Azzopardi xehed li fil-prezenza tieghu, Lopez, fid-dar tieghu, kien ammetta l-partecipazzjoni tieghu fis-serqa u kif espona ruhu ghal certu tahwid meta involva ruhu ma' Herman Zammit u persuni ohrajn li organizzaw din is-serqa.

Godfrey Lopez, in subizzjoni, xehed li kien jahdem bhala operations manager mal-Group 4.  Qal li Herman Zammit jigi l-kugin tal-mara tieghu.

Fl-ewwel statement tieghu Dok. SV2 Lopez spjega fid-dettal l-involviment tieghu u qal li kien avvicinah Herman Zammit li qallu li kellu bzonn il-flus u jekk setghetx issir xi serqa mill-Group 4. Peress illi kien f'posizzjoni finanzjarja daqsxejn hazina huwa kien accetta u Zammit kien laqqhu ma' certu Gejtu li jigi hu l-mara tieghu. Bdew jippanjaw li ssir il-hold up fuq il-kwartieri tal-Group 4 meta jkunu qed jinzammu flus li jkunu gew minn barra u flus ta' kuljum fil-vault taghhom. Il-hold up kellu jsir fil-ghodu bejn il-5.00 u 6.00 a.m. u dana meta, skond ir-roster, kellu jkun hemm biss Louis Hole fil-kwartieri billi dan hu bezziegh u traskurat f'xogholu. Kien issuggerixxa li wiehed minnhom ikun liebes l-uniformi tal-Group 4 u fil-fatt gab uniformi u beritta minn taghhom u tahom lil Gejtu xi xahar qabel. Tah ukoll diversi dettalji u informazzjoni dwar x'hemm fil-kwartieri bhala sigurta u semma' fejn kien jiltaqa' ma' Gejtu biex jippjanaw. Hu kellu jiehu sehemu minn dina l-affari izda ghadu ma thallasx. Kienet saret identification parade u Lopez kien gharaf lil George Degiorgio bhala dan Gejtu li hu semma' fl-istatement tieghu. Cahad li kien hu li l-ewwel li avvicina lil Herman Zammit.

Fit-tieni statement, li sar wara li kienet giet ezaminata l-karozza tieghu, Lopez informa lil pulizija li Gejtu kien ha notamenti fuq notebook fil-karozza tieghu dwar dettalji li huwa beda jghidlu dwar kif kellha ssir is-serqa, meta l-ahjar li ssir, u informazzjoni ohra dwar is-sikurezza fil-kwartieri tal-Group 4. Hu kkonferma li l-kitba li hemm fuq in-note book hija ta' Gejtu.

Bi qbil bejn id-difensuri, giet ezibitia x-xiehda li Lopez ta fil-guri tieghu. F'din ix-xiehda huwa cahad li qal certu

diskors (inkriminanti) riportat fl-istatements tieghu. Semma’ li huwa kien gie mhedded minn Gejtu u li basikament hu ma riedx jippartecipa fis-serqa u dak li ghamel, ghamlu senza interessi, u fil-fatt ma ha xejn.

Fix-xiehda li Lopez ta quddiem dina l-Qorti Lopez rega’ sostna d-difiza u punti li huwa kien ressaq fil-guri u cjoe li hu ma kellux x’jaqsam mas-serqa, ma hax flus, ma kienx komplici.

Illi fil-kaz ta’ Godfrey Lopez il-prova ewlenija kontra tieghu hija l-istatement li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija wara li saret is-serqa fejn iddeskriva l-involviment tieghu fis-serqa.

Kemm quddiem il-guri kif ukoll quddiem dina l-Qorti Lopez cahad li qal certu diskors li hemm fl-istatements li jinkriminawh. Qal ukoll li huwa kien qed jigi mhedded minn Gejtu. Basikament id-difiza tieghu hija li hu ma riedx jippartecipa fis-serqa u dak li ghamel ghamlu senza interessi.

Il-kompitu ta’ dina l-Qorti huwa li tara liema hija l-verita, jekk hijiex dik li Lopez stqarr a tempo vergine wara l-incident meta rrilaxxja l-istatement lill-pulizija jew inkellha l-versjoni li ta fil-guri u quddiem dina l-Qorti. Il-Qorti trid tiddeciedi x’taccetta u ma taccettax mill-provi li tressqu quddiemha.

Hu facili li wiehed jichad dak li jkun stqarr bil-miktub wara li jkun ghadda z-zmien u kellu cans joqghod jahseb x’verzjoni tal-fatti jaqbillu jaghti u kellu l-opportunita li jikkonsulta ma’ haddiehor u jigi influwenzat dwar x’ghandu jghid. Hu facili li wiehed ighid li ma qalx certu diskors meta originajament a tempo vergine jkun iddeskriva fid-dettal kull ma jkun gara.

Fil-fehma tal-Qorti pero anke jekk, dato ma non concesso, li Lopez ma qalx certu diskors li hemm fl-istatements xorta ghandu jirrizulta mill-provi bhal inkontestat li Lopez kien ghadda informazzjoni u materjal lil Gejtu biex ighinu jwettaq is-serqa. Komplici huwa wkoll dik il-persuna li

ghalkemm ma tippartecipax fis-serqa fisikament izda tkun b'xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistit lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew li jkun xewwex lil haddiehor jew sahhah il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt (art. 42 Kap. 9). Il-fatt li persuna tghid li ma haditx flus ma jfissirx li ma kienitx komplici.

Dwar l-istatements li gew prodotti jirrizulta li dawn kienu gew moqrija lil Lopez mill-pulizija u huwa kien anke qara dawk l-istatements u ffirmahom bhala li jikkontjenu l-verita kollha u li ghamilhom ghax ried hu minghajr theddid jew weghdiet ta' xi promessi. Fl-ebda hin ma talab li jikkorreggi l-istatements ghax ma kienx qed jaqbel maghhom (fol. 132) lanqas meta ikkonfermahom bil-gurament quddiem il-Magistrat (fol. 146). Hu fl-ebda hin ma qal lil Magistrat li l-istatements ma kienux jikkontjenu l-verita jew li saru kontra l-volonta tieghu.

Kwantu ghall allegazzjoni li hu kien qed jigi mhedded minn Gejtu fil-fehma tal-Qorti l-provi prodotti ma jwasslux biex hija tista' tikkonkludi li dina l-allegazzjoni ghandha bazi jew ghandha mis-sewwa. Ma saritx prova li kien hemm it-theddid li trid il-ligi - diskors bhal 'pressure ta' sarkazmu minghajr aggressivita' (fol. 376) mhux, fil-fehma ta' Qorti, tehhid li Lopez ma setghax jirrezzisti.

Ghalhekk l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenut Lopez ghandha tigi milqugha.

**Fir-rigward ta' Herman Zammit**

Fir-rigward tal-konvenut Zammit gie ezibit l-istatement tieghu li gie rilaxxjat fit-8 ta' Novembru 1996. Hu stqarr li kien Lopez li avvicinah biex jaghmlu s-serqa. Dan kien baqa' jinsisti mieghu u meta rah hekk kellem lil hu l-mara tieghu George Degiorgio billi kien jaf li jaghmel dan it-tip ta' xoghol u qallu bil-proposta ta' Lopez. Deher li interessa ruhu u ghalhekk laqqghu ma' Lopez Hal Lija vicin ic-cimiterju. Lopez kien qallu li kien lest li jahseb fih. Hu kien dahal f'din il-bicca xoghol billi kellu bzonn il-flus billi t-tifel tieghu kien qed jiehu d-droga. Anke Degiorgio kien

weghdu il-flus. Hu ma thallas xejn wara s-serqa u qed jippretendi bhala sehemu aktar minn Lm5,000.

Dan l-istatement gie kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat inkwierenti.

Giet ezibita kopja tax-xiehda li Zammit kien ta fil-guri ta’ Godfrey Lopez fejn basikament qal li l-involviment tieghu kien li laqqa’ lill-Lopez ma’ Degiorgio u Ray Debattista. Ta’ dana Lopez kien ser jiehu Lm10,000 u hu ssopona li se jiehu Lm5,000. Ighid li meta l-investigaturi qalulu li kienu nsterqu daqs nofs miljun lira, hu wiegeb li kien jippretendi li jithallas aktar minn Lm5,000.

**Tikkunsidra**

Illi l-konvenut issottometta li huwa kien semplicement laqqa’ lil Lopez, fuq talba tieghu, ma’ Ray Debattista u George Degiorgio u mill-qbija ma kellu kommunikazzjoni ma’ hadd aktar minn hemm il-quddiem fuq dina l-kwistjoni. Isostni li ma kienx parti fil-laqghat, diskussjonijiet u pjanijiet dwar is-serqa.

Il-konvenut semma’ wkoll li l-istatement tieghu mhux hu ghamlu izda l-pulizija ghamluh kif riedu huma (fol. 340, 342).

Illi dwar dak li semma’ l-konvenut Zammit fir-rigward l-istatement li huwa ghamel, jirrizulta li dan kien gie moqri lilu mill-pulizija u kien iffirmah bhala li jikkontjenu l-verita kollha u li ghamlu ghax ried hu, minghajr theddid jew weghdiet ta’ xi promessi. Fl-ebda hin ma talab li jikkorreggi l-istatement u dana lanqas meta ikkonfermah bil-gurament quddiem il-Magistrat. Lanqas fil-guri ma qal li l-istatement sar kontra l-volonta tieghu, tant li ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-konvenut Zammit kien ippartecipa f’dina s-serqa billi hu sab lil Lopez min setgha jwettaq is-serqa u laqqghu ma’ Degiorgio. Ta’ dana hu gie mwieghed u ppretenda li jiehu sehem fi flus. Hu kien accetta li jidhol f’din il-bicca billi kellu bzonn il-flus ghax

ibnu kien qed jiehu d-droga. Il-konvenut ammetta (fol. 458) li kien ghadda guri fuq dina s-serqa u kien ammetta l-komplicita tieghu. (L-Ispettur Valletta xehed li fuq dana l-kaz il-konvenut Zammit kien ghadda guri u wehel hames snin habs, fuq ammissjoni).

Ghalhekk fil-konfront ta' Herman Zammit l-ewwel talba ghandha tigi milqugha.

**Fir-rigward ta' George Degiorgio**

Dwar Degiorgio l-ispettur Valletta xehed li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin u ma xtaqx jixhed ghalissa. Qal li l-flus ma gewx rekuperati. Hu ezebixxa tliet statements SV1 sa SV3 tal-konvenuti Lopez u Zammit.

Illi fir-rigward ta' George Degiorgio hemm ix-xiehda taz-zewg komplici f'dina s-serqa, Lopez u Zammit. Meta xehed quddiem dina l-Qorti, Degiorgio qal li hu ma kellux x'jaqsam xejn ma' dina s-serqa u ma jaf xejn fuq il-kaz. Hu xehed li ma jafx lil Herman Zammit (ghalkemm jigi hu l-mara tieghu); ma jafx lil Lopez u qatt ma ltaqa' maghhom; ma tawh ebda uniformi tal-Grupp 4. Ikkonferma li kienu kellmuh il-pulizija izda qatt ma ressquh.

Illi l-Qorti ssib li l-versjoni ta' Degiorgio hija ghall-kollox inattendibbili u m'hijiex kredibbili. Hu jinnega kollox, kull involviment fil-kaz u man-nies li sahanistra jigu minnu. Illi kemm mis-statements ta' Lopez u Zammit kif ukoll mix-xhieda taghhom hemm konferma u korroborazzjoni bejnithom dwar il-ftehim ma' Degiorgio u l-partecipazzjoni tieghu f'din is-serqa. Huwa minnu li Lopez u Zammit ma jaqblux dwar min hajjar lil min f'dina s-serqa, izda jaqblu dwar il-laqgha li kienet saret ma' Degiorgio gewwa Hal Lija fejn saret l-introduzzjoni ta' Degiorgio mal-partecipanti fis-serqa. Hemm ukoll il-prova addizzjonali u indipendenti li meta saret is-serqa intuzaw il-mezzi u l-informazzjoni li Lopez kien ghadda lil Degiorgio qabel is-serqa dwar kif u meta kellha ssir is-serqa. Din il-prova tirrendi l-versjoni ta' Lopez u Zammit bhala probabbili u li ghandha mis-sewwa u ragjonevolment safe u li l-Qorti tista` toqghod fuqha. Fil-fehma tal-Qorti, fuq bazi ta' preponderanza ta'

probabilitajiet ghandu jirrizulta li Degiorgio ippartecipa f'dina s-serqa, konsegwentement l-ewwel talba ghandha tintlaqa' wkoll fil-konfront ta' Degiorgio.

Illi ghalhekk l-ewwel talba ghandha tintlaqa` fil-konfront tal-konvenuti kollha, kif ukoll it-tieni talba fis-sens li huma ghandhom iwiegbu in solidum ghad-danni kagjonati.

**Danni**

Kwantu ghad-danni, u cioe it-tielet u r-raba talbiet attrici, il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz ic-citazzjoni saret mill-"G4S Security Services (Malta Limited)", mis-socjeta estera "Group 4 Securitas (International) BV" u mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi in rapprezentanza tas-socjeta' estera "Douglas Jackson & Company (Adjusters) Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'assikuratrici estera "Royal International Insurance Holidays Limited".

Illi jirrizulta mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' Yves Debarro, managing director tas-socejta' G4S, li l-kumpanija assikuratrici (liema xhud ma jsemmiex liema kumpanija) halsithom tad-danni materjali li sofrew (fol. 96 u 97). Mhuwiex car ukoll min attwalment sofra d-danni f'dan il-kaz jekk huwiex il-G4S jew il-kumpanija GS4 Securitas (International) BV jew ta' min kienu l-flus. Ix-xhud ighid li ma jafx min kienet il-kumpanija assikuratrici billi huma juzaw brokers u l-loss gie maqsum. Jidher li kien hemm aktar minn kumpanija wahda li hallset id-danni materjali. Is-somma totali li nsterqet kienet ta' Lm432,975.50 (fol. 97) a bazi tal-kalkoli tal-loss adjustors.

Ix-xhud qal ukoll li l-kumpanija G4S sofriet ukoll danni ta' reputazzjoni li huma enormi imma ma jikkwantifikax kemm.

Fir-rigward tad-danni li G4S allegatament sofriet bhala hsara fir-reputazzjoni taghha in segwitu ghal dina s-serqa, il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz ma ngabet ebda prova fir-rigward ghalhekk ebda somma ma tista' tigi likwidata.

Fit-rigward tad-danni materjali li thallsu, il-Qorti gja rrilevat li mhuwiex car mill-premessi u mit-talbiet jekk dawn id-danni qeghdin jintalbux mis-socjetajiet assikuraturi bhala surrogati fid-drittijiet ta’ G4S jew inkellha humiex id-danni li qed titlob din tal-ahhar jew is-socjeta G4 Securitas (International) BV. Is-socjeta G4S iddikjarat li hi diga thallset id-danni materjali ghalhekk semmai dawn setghu jintalbu mill-kumpaniji assikuratrici u ma jirrizultax ghalhekk l-interess tas-socjeta G4 Securitas (International) BV. Imma f’dana l-kaz hemm l-ostakolu l-iehor li dina l-Qorti diga rriferit ghalih fejn qalet li Dr. Azzopardi ma ghadux il-legittimazzjoni biex jirrapprezenta dawn il-kumpaniji. Dan apparti lanqas ma huwa car min mill-kumpaniji assikuratrici hallas id-danni materjali u lanqas ma tressqet prova dwar kif sar il-pagament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut George Degiorigo u ssib li l-attur Avukat Tonio Azzopardi nomine ma kienx debitament awtorizzat biex joqghod f’din il-kawza f’isem Douglas Jackson & Company (Adjustors) Limited u Royal International Insurance Holdings Limited, u b’hekk tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-gudizzju, bi spejjez kontra l-imsemmi attur nomine;

Tilqa l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuti Godfrey Lopez, Herman Zammit u George Degiorgio responsabbli ghas-serq tal-flus kontanti u ‘cheques’ mill-kustodja u ghad-dannu tal-Group 4 Securitas (Malta) Limited;

Tiddikjarahom responsabbli ‘in solidum’ bejniethom ghall-hlas tal-ammont misruq;

Tichad it-tielet u r-raba talbiet ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez ghall-attur nomine hlief dawk rigwardanti l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, li jithallsu mill-konvenuti solidarment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------